**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 11 ta’ Awwissu, 2023**

Rikors Numru: 287/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 135/1997)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta nhar l-għoxrin (20) ta’ Frar tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) ġewwa Birżebbuġa (ċertifikat taż-żwieġ bin-numru 79737 hawn anness u mmarkat bħala Dok A');

2. Illi minn dan iż-żwieġ, il-partijiet kellhom żewġt ulied li huma t-tnejn maġġorenni; D B li llum għandha ħamsa u għoxrin (25) sena u E B llum għandu dsatax-il (19) sena;

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Debono datat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Diċembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) u għalhekk is-separazzjoni tagħhom ġiet regolata b'dan il-kuntratt (kopja awtentika hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok B');

4. Illi l-partijiet kienu ilhom separati de facto u għalhekk jgħixu f'residenzi separati minn xulxin sa minn sena qabel l-kuntratt pubbliku;

5. Illi peress li l-ulied ilhom m'għadhomx minorenni m'għadx hemm obbligi relatati mal-kura u l-kustodja b'eċċezzjoni għall-manteniment ta' E B bil-kundizzjoni li jibqa' jsegwi studju fuq bażi full-time;

6. Illi l-partijiet qablu u ddikjaraw li jirrinunzjaw mid-dritt li jitolbu l-manteniment mingħand xulxin;

7. Illi l-partijiet kienu obbligaw ruħhom responsabbli għall-manteniment tat-tfal meta dawn ikunu magħhom u għall-ispejjeż relatati ma' saħħa u edukazzjoni li għandhom jinqasmu ugwalment nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

8. Illi dan l-obbligu llum m'għadux jeżisti minħabba l-fatt li ż-żewġt ulied huma maġġorenni, u E B minkejja li għandu dsatax-il (19) sena m'għadux jistudja u għalhekk diment li E B ma jerġax jibda jitħarreġ fl-istudju tiegħu fuq bażi full- time l-obbligu tal-manteniment ġie għal kollox estint;

9. Illi ma jeżisti l-ebda prospett ragjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet; Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista' jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

10. Illi għal raġunijiet takonvenjenza u preferenza personali, l-esponenti A B qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tgħaddi għall-bidla lura għal kunjom xebba' tagħha li huwa F, kif jixhed l-Att taż-żwieġ diġa' u dan skont Artikolu 62 tal-Kodiċi Ċivili;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Previa kull notifika u/jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, liema zwieg sehh nhar l-għoxrin (20) ta' Frar tas-sena 1998; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tordna lill-Uffiċċju tar-Registru Pubbliku fi ħdan l-Identity Malta sabiex jgħaddi ghall-bdil tal-kunjom tal-esponenti lura għal kunjomha xebba jiġifieri minn Saliba għal Busuttil u dan b' sostenn u ai termini tal-Kap 56, Kap 255 u Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta’ Mejju 2023;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proċeduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-23 ta' Dicembru tas-sena 2014;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` "Busuttil"; Il-Qorti tilqa' t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "F", qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.